# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum l-1 ta' Lulju 2020**

Appell numru 120 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Anthony BORG**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 t'April 2019 fil-konfront ta' Anthony BORG, karta tal-identità bin-numru 260783M li ġie mixli talli (in suċċint) :
   (a) nhar is-7 t' April 2019 għall-ħabta ta' nofsinhar ġewwa Ħal-Qormi irrenda ruħu kompliċi fl-ikkaġunar t'offiża gravi fuq il-persuna ta' Renald Baldacchino;
   (b) fis-7 t'April 2019 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer :

i. kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokajina mingħajr id-debiti awtorizzazzjonijiet jew liċenzi;

ii. kellu fil-pussess tiegħu id-droga erojina mingħajr id-debiti awtorizzazzjonijiet jew liċenzi;

(c) ikkommetta r-reati waqt li kien taħt ordni ta' *probation* mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati nhar il-5 ta' Marzu 2019;

(d) irrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fuq l-ammissjoni *volontarja u nkondizzjonata* tal-imputat sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u wara li qieset li :

i. l-Prosekuzzjoni iddikjarat li l-imputat kellu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta fil-massimu possibbli;

ii. id-difiża saħqet li l-appellant kellu jibbenefika mill-ammissjoni bikrija reġistrata minnu;

iii. il-Prosekuzzjoni u d-Difiża qablu li f'dan il-każ iċ-ċirkostanzi kienu jimmilitaw favur piena li ma tkunx dik karċerarja effettiva;

u wara li rat l-artikoli 17, 31, 28A, 49, 50, 41, 42(d), 214, 215, 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikoli 7, 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u t-Taqsimiet 4 u 6, it-Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda, kif ukoll l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kapitolu 101

tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lil Anthony BORG fuq ammissjoni tiegħu stess, u bħala reċidiv, għall-piena ta' sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikoli 28A tal-Kodiċi Kriminali, kellhom ikunu sospiżi għal żmien erba snin.

3. Illi minn din is-sentenza l-Avukat Ġenerali interpona appell li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant kien ammetta l-imputazzjonijiet kollha kontra tiegħu u fejn sabitu ħati tal-istess imputazzjonijiet filwaqt li tħassarha f'dik il-parti fejn imponiet il-piena aktar il-fuq deskritta u minflok li timponi piena idoneja u ġusta skont il-Liġi. Dan għar-raġunijiet segwenti : -

   i. Dik il-Qorti ma setgħet timponi piena ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha minħabba li l-appellant kien ġie misjub ħati li kkommetta r-reati li għalihom ammetta fi żmien waqt li huwa kien qiegħed taħt ordni ta' probation. L-artikolu 28A(7)(c) tal-Kodiċi Kriminali kien jivvjeta dan.

   ii. Dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati kemm taħt l-artikolu 216 kif ukoll 218 tal-Kodiċi Kriminali. Għalkemm dawn kienu jirrappreżentaw l-istess reat iżda f'forma waħda aktar gravi minn oħra u konsegwentement kienu jġorru piena waħda aktar gravi minn oħra, il-Qorti tal-Maġistrati kellha tippronunzja ruħha dwar liema fosthom l-appellant kien qiegħed jinstab ħati in kwantu l-konsegwenzi għas-sejbien ta' ħtija ma kienux l-istess.

   iii. Inoltre l-Qorti tal-Maġistrati għalkemm sabet li l-appellant kien ikkommetta r-reati de quo waqt il-perjodu ta' probation.

Dik il-Qorti għalhekk kellha tittratta mal-ħati għar-reati li dwarhom huma kien instab ħati u li għalihom kien ingħata l-ordni tal-probation. Il-Qorti għażlet li timponi piena komplessiva kif riflessa fis-sentenza aktar il-fuq imsemmija. Iżda meta jitqiesu dawn ir-reati jirriżulta li l-piena li kellha tiġi mogħtija f'dak il-każ magħquda mar-reati li tagħhom instab ħati f'dan il-każ, jirriżulta li l-piena ma setgħetx tkun waħda ta' sentejn priġunerija in kwantu l-ammont minimu totali kien jiżboq is-sentejn priġunerija.

4. Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Frar 2020 fejn l-Avukat Ġenerali issolleva l-preġudizzjali tan-nullita tas-sentenza minħabba nuqqas ta' formalita sostanzjali fil-proċeduri li ġiet segwita quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Id-Difiża wieġbet li fil-fatt hekk kien il-każ u aderiet ma tali preġudizzjali.

***Ikkunsidrat :-***

5. Illi matul l-analiżi tal-proċess minn din il-Qorti irriżulta li l-appellant ġie mixli, ammetta, u ġie misjub ħati, inter alia tar-reati fl-artikoli 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tindika b'mod ċar liema minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Liġi kienet applikabbli għal dan il-każ. Verament li kemm l-artikolu 216 kif ukoll l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali t-tnejn li huma jittrattaw ir-reat t'offiża gravi fuq il-persuna. Biss huma jirreflettu gradi u ċirkostanzi differenti ta' dan ir-reat, u konsegwentement iġorru wkoll piena differenti.

6. Issa d-*decide* tas-sentenza impunjata taqra hekk:

   Ghal motivi premiessi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 28A, 49, 50, 41, 42(d), 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 7, 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u t-Taqsimiet 4 u 6, it-Taqsima 1 ta' l-ewwel skeda, kif wkoll l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil Anthony Borg fuq ammissjoni tiegħu stess, bħala reċidiv, ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u tikkundannaħ komplessivament għall-piena ta' sentejn priġunerija li, bl-applikazjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqgħu sospizi għall-perijodu ta' erba' (4) snin millum.
   Il-Qorti fissret lil Anthony Borg fi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu msemmi.

7. Jirriżulta wkoll li fiċ-ċitazzjoni, il-Prosekuzzjoni xliet lill-appellant bir-reat t'offiża gravi fuq il-persuna, mingħajr ma speċifikat jekk kienetx qegħda tixlih taħt l-artikolu 216 jew 218 tal-Kodiċi Kriminali. Mis-sentenza erogata din il-Qorti tista' tassumi li l-Qorti tal-Maġistrati qieset il-każ taħt l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali u dan minħabba li l-parametri tal-piena erogata li kif applikata tkun ferm inqas mill-minimu pprospettat għall-ksur tal-artikolu 218, fejn il-*minimum* applikabbli għal dak ir-reat, fiż-żmien mertu tal-akkuża miġjuba, hija ta' ħames snin priġunerija.

8. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi:

   Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena **u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat**.

9. Illi r-*ratio legis* wara dan l-artikolu huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċiżjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom il-persuna

mixlija tkun ġiet misjuba ħatja, li tagħti l-piena għal dawk il-fatti li jistabbilixxu r-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-Liġi li dwarhom tkun qed tinstab il-ħtija.

10. Mid-deċide jirriżulta illi l-Qorti tal-Maġistrati m'eskludiet l-ebda parti mir-rekwiziti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. Madankollu meta dik il-Qorti kienet adita biss minn imputazzjoni waħda ta' offiża gravi miġjuba kontra l-appellat, l-istess deċide joħloq id-dubbju dwar liema disposizzjoni dik il-Qorti kellha l-intenzjoni illi tapplika fil-konfront ta' Borg.

11. L-Avukat Ġenerali għandu raġun meta jgħid li l-artikoli 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali jirreferu entrambe għal offiża gravi – iżda hemm distinzjoni bejniethom għal dak li jirrigwarda l-estent tal-gravita' u tal-permanenza tal-ġrieħi nkorsi. Konsegwentment, huwa importanti f'dan il-każ illi s-sentenza tkun ċara dwar jekk l-appellant ġiex misjub ħati taħt l-artikolu 216 jew 218 tal-Kapitolu 9 anke prinċipalment sabiex is-sitwazzjoni relattiva għall-piena idoneja tkun tista' tiġi determinata. Din il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ, il-kwistjoni tmur lil hinn minn *lapsus calami vel computeri* u dan peress li dik il-Qorti speċifikat l-applikazzjoni taż-żewġ disposizzjonijiet billi użat il-kelma 'u' bejniethom.[1]

---

[1] Ara wkoll l-Appelli Kriminali Inferjuri ***Il-Pulizija vs. Lorenzo Attard***, 25/08/2008; ***Il-Pulizija vs. Mark Sapiano***, 8/05/2006; ***Il-Pulizija vs. Robert Sultana***, 22/03/2005; ***Il-Pulizija vs. Marbeck Cremona***, 10/09/2007. Ara wkoll dwar l-effett ta' *lapsus calami* in generali: l-Appelli Kriminali Inferjuri ***Il-Pulizija vs. Paul Borg***, 6/10/2003; ***Il-Pulizija vs. Amanda Pace***, 1/10/2003; ***Il-Pulizija vs. Anthony Rapa***, 19/09/2007; ***Il-Pulizija vs. Carmel Dimech et***, 2/11/2007; ***Il-Pulizija vs. Charlot Aquilina***, 20/05/2009; ***Il-Pulizija vs. David Briffa***, 22/04/2009; ***Il-Pulizija vs. Emanuel Bugeja***, 19/02/2004; ***Il-Pulizija vs. Francesca Bell***, 29/03/2006; ***Il-Pulizija vs. Francis Camilleri***, 25/06/2001; ***Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage***, 1/06/2011; ***Il-Pulizija vs. James Demanuele***, 10/10/2004; ***Il-Pulizija vs. Jeffrey J. Brincat et***, 22/08/2007, u diversi ohrajn.

12. Illi apparti minn hekk jirriżulta wkoll li l-Qorti setgħa kellha wkoll diffikultajiet tiddetermina hi stess liema wieħed minn dawn l-artikoli setgħa kien applikabbli għal dan il-każ. Kemm fil-lokuzzjoni tal-imputazzjoni miġjuba, kif ukoll fil-korp tal-atti proċesswali, ma jirriżultax jekk dal-każ jittrattax offiża gravi taħt l-artikolu 216 jew gravissima taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali. Dan qiegħed jingħad ukoll peress illi ċ-ċertifikat mediku kif redatt, allavolja indikattiv tal-kelma '*grevious*' ma jeskludix l-elementi ta' sfreġju; jew jeskludi l-permanenza ta' dawn l-offiżi.

13. Di piu' l-Qorti tal-Maġistrati ma semgħetx ix-xiehda tat-tabib kuranti kif ukoll tal-vittma f'dan il-każ qabel ippronunzjat ruħha. Kieku dan seħħ, dik il-Qorti setgħet kienet indubjament tkun f'posizzjoni ferm aħjar sabiex tistabilixxi jekk dawn l-offiżi kienux jammontaw għal offiżi taħt l-artikolu 216 jew 218 tal-Kodiċi Kriminali.

14. Bis-sejbien ta' ħtija taħt iż-żewġt disposizzjonijiet tinħoloq konfużjoni fid-deċide dwar liema disposizzjoni setgħet ġiet applikata. Din il-Qorti ma għandhiex tippreżumi hi liema fosthom billi tipotizza x'kienet l-intenzjoni tal-Qorti in vista tal-parametri tal-piena mposta.

15. Mistqarr dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma illi d-deċide kif redatt ma jirrendix din is-sentenza *safe and satisfactory*.

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeciedi billi tannulla u tħassar is-sentenza appellata u, wara li rat l-artikolu 428 tal-Kodici Kriminali u biex ma tipprivax lill-appellant mill-benefiċċju tal-eżami doppju tal-vertenza, tordna illi l-atti ta' dan il-każ jerġgħu jintbagħtu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sabiex wara li dik il-Qorti tikkonferma mill-ġdid l-ammissjoni tal-appellat, tgħaddi biex tisma' lix-xiehda li jidhrilha xierqa biex tiddetermina jekk l-offiża subita mill-allegata vitma kienetx taqa' taħt l-artikolu 216 jew 218 tal-Kodiċi Kriminali u wara tgħaddi biex tippronunzja s-sentenza tagħha skont il-Liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***